

Brussell, 28 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7573/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0082(NLE)

ACP 18
WTO 17
COAFR 66
RELEX 394

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 156 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-FSE u fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill tal-FSE, tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi, u tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 156 final.

Mehmuż: COM(2025) 156 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2025
COM(2025) 156 final

2025/0082 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-FSE u fil-Komitat ta' Uffiċjali Għolja stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill tal-FSE, tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi, u tar-Regoli ta' Proċedura għall-Komitat ta' Uffiċjali Għolja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'żewġ korpi tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Kenja — il-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja — b'rabta mal-adozzjoni prevista ta': ir-Regoli ta' Proċedura għal dawn iż-żewġ korpi, u r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi.

Filwaqt li l-proposta tiddependi fuq mezzi diġitali għall-implimentazzjoni tal-proċeduri introdotti, ma tintroduċi l-ebda rekwiżit vinkolanti speċifiku li jawtorizza l-użu tagħhom. Il-proċeduri proposti jiddependu kompletament fuq is-sistemi tekniċi u diġitali diġà fis-seħħ u l-proposta ma timplika l-ebda modifika sostanzjali fir-rigward ta' dawn is-sistemi. Il-prinċipju “diġitali b'mod awtomatiku” jitqies sa fejn ikun possibbli, jiġifieri permezz tar-rikonoxximent ta' mezzi diġitali bħala validi fid-dawl ta' din il-proposta.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Kenja

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC), min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”) għandu l-għan li jimplimenta b'mod bilaterali l-FSE bejn l-UE u l-EAC li qatt ma daħal fis-seħħ peress li mhux l-Istati Membri kollha tal-EAC iffirmawh u rratifikawh. Il-FSE bejn l-UE u l-Kenja jipprevedi liberalizzazzjoni asimmetrika tal-kummerċ tal-merkanzija u dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024.

2.2. Il-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja

L-Artikolu 104 tal-Ftehim jistabbilixxi Kunsill tal-FSE (l-ogħla korp), u l-Artikolu 104.3 jipprevedi li l-funzjonijiet tiegħu għandhom jinkludu “li jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess”. Skont l-Artikolu 105.3 u l-Artikolu 120 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE se jadotta r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi.

Il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja huwa stabbilit mill-Artikolu 106 tal-Ftehim biex jassisti lill-Kunsill fit-tweqqif tal-funzjonijiet tiegħu u l-Artikolu 107.3 jipprevedi li l-funzjonijiet tiegħu għandhom jinkludu “li jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess”.

2.3. L-atti previsti tal-Kunsill tal-FSE u tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja

Fit-tieni trimestru tal-2025, matul l-ewwel laqgħat tal-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, dawn il-korpi għandhom jadottaw id-deċiżjonijiet li ġejjin:

1. Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess;
2. Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE li tadotta r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi; kif ukoll
3. Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-FSE u fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja stabbilit mill-FSE bejn l-UE u l-Kenja, fir-rigward tal-adozzjoni ta': ir-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, u r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi.

Il-Partijiet għall-Ftehim iddiskutew dawn ir-regoli ta' proċedura u l-abbozzi ta' deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq tal-Kunsill tal-FSE u tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja u qablu li, soġġett għall-proċeduri tat-tehd tad-deċiżjonijiet tal-UE, dawn għandhom jiġu adottati fl-ewwel laqgħat tal-Kunsill tal-FSE u tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja.

Is-sustanza tar-Regoli ta' Proċedura u tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim meħmuża hija simili ħafna għal dik tar-regoli ta' proċedura ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika oħra jew ftehimiet kummerċjali oħra.

Ir-Regoli ta' Proċedura taż-żewġ korpi tal-FSE msemija hawn fuq u għas-Soluzzjoni tat-Tilwim huma essenzjali biex jitlestha l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim u b'hekk tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tiegħu.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li għandhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”¹. Fl-aħħar nett, il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi wkoll atti ta' natura organizzattiva li jinfluwenzaw il-mod li bih id-deċiżjonijiet jittieħdu fi ħdan il-korp, pereżempju jekk korp b'setgħat deċiżjonali jadotta jew jimmodifika r-regoli ta' proċedura tiegħu.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja huma korpi stabbiliti bi ftehim, jiġifieri l-FSE bejn l-UE u l-Kenja.

L-atti rispettivi li ż-żewġ kumitati huma mitluba jadottaw jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali peress li huma atti ta' natura organizzattiva li jinfluwenzaw il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan il-korpi rilevanti. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 104, 105, 107, 108, 120 u 125 tal-Ftehim.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-FSE u fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill tal-FSE, tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi, u tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024.²
- (2) Skont l-Artikoli 104 u 106 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja huma, rispettivament, stabbiliti mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 104.3 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE għandu jiddetermina r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.
- (4) Skont l-Artikoli 105.3 u 120 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE għandu jiddetermina r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi.
- (5) Skont l-Artikolu 107.3 tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja għandu jiddetermina r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan dawn iż-żewġ kumitati, peress li d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu r-Regoli ta' Proċedura rispettivi tagħhom, u r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni f'dawn iż-żewġ kumitati fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura u r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi rispettivi tagħhom jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet rispettivi taż-żewġ kumitati meħmuża ma' din id-Deċiżjoni,

² Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (ĠU L 2024/1648, 1.7.2024).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-FSE, stabbilit skont l-Artikolu 104 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-FSE, stabbilit skont l-Artikolu 104 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, rigward ir-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, stabbilit skont l-Artikolu 106 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*